MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Numru 1446/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**James Azzopardi**
**Martin Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha James Azzopardi ta' 37 sena, iben Joseph u Rosaria sive Lunzata nee' Felice imwieled il-Pieta' fl-1 ta' Marzu, 1970 u joqghod 85, Paradise House, Bellic Street, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 193470(M); u

Martin Bonnici ta' 48 sena iben Consiglio u Carmena nee' Mallia, mwieled il-Belt Valletta fis-26 ta' Novembru, 1958 u joqghod f' Nru 3, Twin Peaks, Triq il-Lellux, Ghaxaq,

detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 30859(M) gew akkuzati talli fis-6 ta’ Lulju, 2007 ghall-habta tas-2.00am, fi Triq San Gorg Paceville limiti ta’ San Giljan minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta’ persuna ohra ikkagunaw offiza gravi per durata fuq il-persuna ta’ Filippo De Romanis ta’ Nazzjonalta’ Taljana kif iccertifikat mit-tobba, Dr A Aquilina M.D. u Dott. Angelo S. Donzelli, M.D. u Prof. Dott. Pier Paolo Mariani, M.D. bi ksur ta’ l-Art 216 [1 (d)] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-process (Dok CE 3) u nnutat li l-imputati m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 214 u 216(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati James Azzopardi u Martin Bonnici, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta ta’ l-imputat James Azzopardi (Dok CE 5) u l-fedina penali ta’ l-imputat Martin Bonnici (Dok CE 4), u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati James Azzopardi u Martin Bonnici ghall-piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija kull

wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati James Azzopardi u Martin Bonnici jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati James Azzopardi u Martin Bonnici b' obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmu (Eur. 232.94) ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm100) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma' Filippo De Romanis ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati James Azzopardi u Martin Bonnici l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------